9 LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 46**

**It-Tnejn, 28 ta' Frar 2022**

Il-Laqgħa numru 46 saret b'mod virtwali fl-28 ta' Frar 2022 fis-5:30 ta'filgħaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Stephen Sultana | Sindku |
| Is-Sur Kursten Dimech | Kunsillier |
| Is-Sa Courtney Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sur Joe Vella | Kunsillier |
| Is-Sur Silvio Vella | Kunsillier |

**ASSENTI b'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**:

Ħadd

**ASSENTI:**

| | |
|---|---|
| Gianluca Falzon | Viċi Sindku |
| Darren Carabott | Kunsillier |

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sa Leanne Deguara | Assistent Uffiċċjal Prinċipali |
| Is-Sa Chantal Zammit Bartolo | Surġent |
| Is-Sur George Debono | Ċermen tal-Bord tal-Ġieħ Santa Venera |

**Minuti**

Is-Sindku, is-Sur Stephen Sultana ippresjeda l-laqgħa.

**46.1 Qari tal-ittri t'apoloġiji**

Is-Sindku nforma lill-membri li ma kiex hemm ittri t'apoloġiji.

**46.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill.**

**46.2.1 Approvazzjoni tal-Minuti**

Minuti tal-45 laqgħa ġew approvati unanimament wara li saru l-korrezzjonijiet.

**46.2.2 Korrezzjonijiet**

**46.2.2.1** - Minuta 45.2.2.1 - "Triq Ġuża Pace" ġiet ikkoreġuta għal "Triq Ġuże' Pace"
**46.2.2.2** - Minuta 45.3.2 - il-kelma "reġgħat'' issir "reġgħet''
**46.2.2.3** - Minuta 45.3.3 - il-kelma "t-trsferiment'' issir "t-trasferiment''

**46.2.2.4** - Minuta 45.5.3 - il-kelma "l-arblu" issir "l-arbli"
**46.2.2.5** - Minuta 45.6.8 - il-kelma "filwat" issir "filwaqt"
**46.2.2.6** - Minuta 45.6.8 - il-kelma "mill-Pubblicu" issir "mill-Pubbliku"

**46.3 Punti mqajjma mill-minuti**

**46.3.1** Minuta 45.3.1 – Is-Sindku informa lill-membri li rigward il-lezzjonijiet taz-Zumba intagħażlet l-irħas kwotazzjoni u l-lezzjonijiet ser jibdew fl- 4 ta' Marzu 2022, fil-Kazin tal-Banda. Dawn il-lezzjonijiet ser isiru kull ħmistax. Is-Sindku informa li għax-xhur tas-sajf, il-lezzjonjiet jiġu trasferiti għal Ġnien Romeo Romano.

**46.3.2** Minuta 45.3.2 - Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva tlett applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' Segretarju Eżekuttiv. Fil-laqgħa li jmiss id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ser jagħti *feedback* fuq dawk l-applikazzjonijet li huma eliġibbli.

**46.3.3** Minuta 45.3.3 – Is-Sindku informa lill-membri li saret laqgħa ma l-entitajiet on-site. Is-Sindku qal li fi Triq Pietru Dacoutrus hemm problema għax l-arblu ġej direttament fit-triq peress li hemmhekk il-bankina hija ineżistenti. Rigward fuq iz-zewġ toroq l-oħra ma kienx hemm problemi.

**46.3.4.** Minuta 45.6.13 – Is-Sindku informa lill-membri dwar l-skema li għadha kemm tnediet mill-Ministeru tal-Ambjent għall-Kunsilli Lokali bl-isem ta' Urban Green Scheme 2022. Huwa qal li l-Kunsill applika ghal-Kategorija 'A' għal Pjazza Franka, liema proġett ser jigi jiswa madwar €530k mingħajr il-VAT.

**46.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

**46.4.1.** Is-Sindku informa lill-membri li nbidlu d-distretti tal-pulizija u ġew simili ħafna bħad-distretti elettorali. Santa Venera ser tkun qed tagħmel parti mit-tieni distrett, magħmul mill-Hamrun, Santa Venera, Pieta' u l-Marsa.

**46.5 Rapporti / Korrispondenza**

**46.5.1** Is-Sindku informa li kien hemm talba għal *unloading bay* quddiem il- Mille Profumi, ta' Triq il-Kanun li huma stabbilment kbir u talba ohra simili mingħand il-Bargains & Quality Home Appliances, fi Triq il-Kbira San Guzepp, fejn dawn it-talbiet ser ikunu mplementati dirett min Transport Malta. Is-Sindku ssuġġerixxa li it-talba ta' Mille Profumi issir mit-8:00am sal-4:00pm mit-Tnejn sal-Ġimgħa, *unrestricted remaining hours* sabiex r-residenti jkunu jistgħu jipparkjaw fil-ħinijiet l-oħra.

Il-Membri qablu unanimament.

**46.5.2** Fi Triq l-Isportivi, is-Sindku ikkommenta li l-kumpanija Energy Projects, b'inizjattiva tagħha, għamlet sitt pots imqabbdin bl-irrigazzjoni. Wara diskussjoni kien hemm qbil sabiex issir oħra simili fi Triq il-Kanun kantuniera mal-istess Triq l-Isportivi. L-ispiża għal dan ser tammonta għal €70.

Il-Membri qablu unanimament.

**46.5.3** Il-ħatra tas-Segretarju Eżekuttiv giet estiża, peress li l-applikazzjoni ser tingħalaq f'Marzu.

Il-Membri qablu unanimament

**46.5.4.** Rigward l-attivitajiet kulturali mnedija mir-Reġjun Nofsinhar, il-Kunsill Lokali ser jibbenifika €2k bid-differenza tinħareġ mill-istess Kunsill Lokali. Għal dan il-għan ser isiru żewġ attivitajiet, waħda fit-8 t'April fejn ser isir dokumentarju mtella mill-Kumitat Festi Estrerni u attivita oħra li ser issir fid-9 t'April 2022 fejn ser isir programm ta' mużika funebri u sagra fil-Knisja Parrokjali, bil-parteċipazzjoni tal-Kumitat tal-Banda Santa Venera.

Il-membri qablu unanimament

**46.5.5**. Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill ircieva komunikat mingħand il-Maġġur tal-Għassa sabiex issir *reserved parking* fejn l-għassa tal-pulizja ta' Santa Venera. Is-Sindku ssuġġerixxa li jsir *reserved parking* lejn in-naħa tal-grada fejn hemm il-klabb Boċċi.

Il-membri qablu unanimament

**46.5.6** Applikazzjoni SPI.SCI.2.2022 Community Inclusive Employment Scheme – is-Sindku issuġġerixxa li l-Kunsill japplika napplikaw għall-ħaddiem manwali fuq bażi *part time* minħabba li fl-uffiċċju m'hemmx postijiet.

**46.5.7** Is-Sindku informa lill-membri li Dott, Darren Carabott talab sabiex juża Ġnien Romeo Romano biex jagħmel attivita' għall-kampanja elettorali tiegħu. Saret talba oħra simili mingħand is-Sur Noel Cachia sabiex fi ġnien Romeo Romano jiġi ppreżentat ktieb li ġie sponsorjat mis-Sur Keith Azzopardi Tanti li huwa ukoll kandidat għall-elezzjoni li jmiss.

Il-Membri qablu unanimament, bil-qbil li jinżammu l-kundizzjonjiet tas-soltu.

**46.5.8**. Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill ġab 4 kwotazzjonijiet fuq *hand dryers* għax hemm bżonn li jinxtraw tnejn – waħda għall-latrina u oħra għall-uzu tal-Uffiċċju Ammistrattiv. L-irħas kwotazzjoni kienet €198.

Il-membri qablu unanimament biex jinxtraw tnejn.

46.5.9 Is-Sindku informa lill-membri li dwar l-uniformijiet tal-staff tal-Kunsill fejn inġiebu tlett kwotazzjonijiet iżda żewġ *suppliers* biss wieġbu. L-irħas kwotazzjoni kienet dik ta' Jon David.

Il-membri qablu unanimament sabiex il-Kunsill jipproċedi u jkunu ordnati l-uniformijiet.

46.5.10 Rigward il-ġnien ta’ Guze Flores, is-sindku ikkomunika mal-Membri li nġabu tlett kwotazzjonijiet minħabba li tapit irid jinqala’ kollu peress li qiegħed fi stat ħażin. Il-kwotazzjonijiet jaqbżu il-€5k iżda mhux il-€10k. L-irħas kwotazzjoni hija ta’ Gokker li tammonta għal €8,910 mingħajr il-VAT.

Is-Sindku informa li irrdu l-approvazzjoni minn naħa tad-Dipartiment peress li l-kwotazzjonijiet jaqbżu il-€5k.

46.5.11 Is-Sindku informa lill-membri li tressqet talba mill-impjegati tal-Kunsill sabiex jinbidel il-ħin tal-ftuħ tal-Kunsill. Kien qed jiġi suġġerit sabiex il-ħinjiet ikunu kif ġej:

- Xitwa jkunu mis-7:00am - 4:00pm u s-servizz tal-ħlasijiet ikun bejn 8:15am u 3:15pm u intalab biex jitneħħa il-*break*
- Sajf ikun mis-7:30 - 1:30pm u s-servizz tal-ħlasijiet ikun bejn 8:00am u 1:00pm

Il-membri ma qablux ma din il-proposta.

## 46.6 Items oħra ta’ xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

### 46.6.1 Aġġornament mill-Pulizija

Is-Sindku stieden lis-Surġent (2252) sabiex tinforma lill-Membri tal-Kunsill bix-xogħol li qed isir. Is-Surġent tkellmet fit-tul dwar x’qed isir u rrimarkat li qed ikollha rispons tajjeb mingħand ir-residenti.

### 46.6.2 Linji Gwida – Ġieħ / Mertu Santa Venera

Is-Sindku stieden lis-Sur George Debono sabiex issir diskussjoni dwar kif nistgħu nibdlu il-linji gwida tal-Ġieħ. Wara spjegazzjoni fit-tul, kien hemm qbil sabiex isiru laqgħat ma dawk l-għaqdiet li urew ix-xewqa li jsir dan it-tibdil fil-preżenża tas-Sur Debono.

### 46.6.3 Rapport Amministrattiv

Is-Sindku informa lill-membri li r-rapport Amministrattiv 2020 intbagħat lill-Kunsilliera flimkien mad-dokumenti tal-laqgħa u f’dan ir-rigward talab jekk kienx hemm xi emendi.

Wara diskussjoni, is-Sindku ppropona r-rapport Amministrattiv hekk kif ġie rivedut, is-Sur Silvio Vella ssekonda lis-Sindku filwaqt li l-membri qablu unanimament.

Is-Sindku nforma li l-Laqgħa Annwali ser issir fl-21 April 2022, 5:30pm

## 46.7 Kunsiderazzjonijiet u Approvazzjonijiet tal-Iskeda tal-Pagamenti

**46.7.1** L-Iskeda tal-pagamenti u Petty Cash ġew diskussa, emendati u approvati.

Skeda ta' pagamenti u Petty cash: Proponent: Is-Sur Silvio Vella u Sekondant: Is-Sur Joe Vella

**48.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitat u/jew Sotto Kumitati**

F'din il-laqgħa ma ġewx preżentati rapporti tal-laqgħat ta' kumitati jew sotto kumitati.

**46.9 Ilmenti**

**46.9.1** Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti segwenti:

| | |
|---|---|
| 89 | B.Grima & Sons / Haddiema Assenjati |
| 92 | Ingibu l-pprovazzjoni mir-Residenti |
| 94 | B.Grima & Sons |
| 96 | Lesta |
| 97 | Contracts Manager |
| 101 | Logografix |
| 103 | B.Grima & Sons |
| 104 | Jekk fuq il-Bankia, issir ix-xoghol jekk fit-triq ma isirx ix-xoghol |
| 108 | Inmorru onsite |
| 118 | Work Order - Tabone |
| 119 | Applikazzjoni ghal TM |
| 120 | Kwotazzjoni |
| 127 | Niċċekjaw il-kolonja ta Triq il-Parilja ma Romina Frendo |
| 128 | Diġà diskussa |
| 134 | B. Grima & Sons |
| 138 | Ħaddiema Assenjati |
| 140 | Mica Med |
| 143 | B. Grima & Sons |
| 146 | B.Grima & Sons / Haddiema Assenjati |
| 147 | Work Order Tabone |
| 162 | Ħaddiema Assenjati |
| 163 | Contracts Manager |
| 164 | Contracts Manager |
| 165 | B Grima & Sons |
| 169 | Contracts Manager |
| 174 | B Grima & Sons |
| 178 | Ħaddiema Assenjati |
| 181 | Hemm waħda diġa |
| 185 | Hemm process ta' skema għaddej |
| 186 | Work Order |

| | |
|---|---|
| 187 | Ħaddiema Assenjati |
| 188 | 1. Contracts Manager<br>2. Jekk il-garaxx huwa communal  issir ix-xoghol |
| 189 | Niktbu lil Transport Malta, |
| 191 | Hemm 4 siġar mejta - ġardinar u jiġu mibdula filkas |
| 193 | Bins mhux qed jitbattlu -  Kuntrattur irrid jiġi infurmat |

## 46.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa intemmet fl-8.30 pm u ġiet aġġornata għall-21 ta' Marzu 2021, fil-5.30pm

Stephen Sultana
Sindku

Michael Mifsud
Deputat Segretarju Eżekuttiv